A.L. 9 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI
(ATT NRU. XXXVII TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Bastimenti Merkantili (Dispożizzjonijiet Transitorji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48 ta' l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Bastimenti Merkantili (Dispożizzjonijiet Transitorji).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti:

"Att li Jemenda" tfisser l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; u

"Att prinċipali" tfisser l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili.

Att Nru. XI ta' l-1973.

Anniversarji li jiġu stabbiliti.

3. Għall-finijiet ta' l-artikoli 7 u 19 ta' l-Att prinċipali kif emendat bl-Att li Jemenda:

(a) l-ewwel jum ta' Frar, dwar bastimenti li kienu ġew reġistrati għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar, 1988; u

(b) l-anniversarju tad-data attwali ta' l-ewwel reġistrazzjoni dwar bastimenti li kienu ġew reġistrati għall-ewwel darba fi jew wara l-1 ta' Frar, 1988;

qiegħed b'dan jiġi stabbilit bħala l-anniversarju tar-reġistrazzjoni inizjali dwar bastimenti reġistrati qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-artikoli 8 u 11 ta' l-Att li Jemenda.